Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 909/2010

tal-11 ta' Ottubru 2010

li jistabbilixxi l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' esportazzjoni tal-ġobon biex jiġi esportat lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fl-2011 skont ċerti kwoti tal-GATT

(ĠU L 268, 12.10.2010, p. 27)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 928/2010 tal-15 ta' Ottubru 2010	L 272	17	16.10.2010

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 909/2010

tal-11 ta' Ottubru 2010

li jistabbilixxi l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' esportazzjoni tal-ġobon biex jiġi esportat lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fl-2011 skont ċerti kwoti tal-GATT

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal-liċenzi għall-esportazzjoni ddepożitati skont ir-Regolament (UE) Nru 635/2010 rigward il-gruppi tal-prodotti u l-kwoti identifikati mis-"16-Tokyo, 16-, 17-, 18-, 20- u l-21-Urugwaj" fil-kolonna 3 tal-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu aċċettati, bir-riżerva tal-applikazzjoni tal-koeffiċjenti ta' allokazzjoni indikati fil-kolonna ta' dan l-Anness.

Artikolu 2

L-applikazzjonijiet għal-liċenzi għall-esportazzjoni ddepożitati skont ir-Regolament (UE) Nru 635/2010 rigward il-grupp ta' prodotti u l-kwoti identifikati minn "22- u 25- Tokyo, 22- u 25-Uruguay" fil-kolonna 3 tal-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu aċċettati skont il-kwantitajiet mitluba.

Il-liċenzji ta' esportazzjoni jistgħu jingħataw għall-kwantitajiet żejda skont l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti ta' allokazzjoni kif indikati fil-kolonna 6 tal-Anness, wara l-aċċettazzjoni mill-operatur fiż-żmien ġimgħa li tibda tgħodd mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u suġġett għall-għoti tal-garanzija mitluba.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

L-identifikazzjoni tal-grupp skond in-Noti Addizzjonali fil-Kapitolu 4 tal-Iskeda ta' Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti		Identifikazzjoni tal-grupp u tal-kwota	Kwantitajiet disponibbli għas-sena 2011 (f'tunnellati)	Koeffiċjent ta' allokazzjoni previst fl-Artikolu 1	Koeffiċjent ta' allokazzjoni previst fl-Artikolu 2
In-numru tan-nota	Grupp				
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
▼M1 16	Mhux speċifikament ipprovduta għall-(NSPF)				
		16-Urugwaj	3 446,000	0,1635967	
17	Blue Mould	17-Urugwaj	350,000	0,0833333	
▼B 18	Cheddar	18-Uruguay	1 050,000	0,3125000	
20	Edam/Gouda	20-Uruguay	1 100,000	0,1776486	
21	Italian type	21-Uruguay	2 025,000	0,0851556	
22	Swiss or Emmenthaler cheese other than with eye formation	22-Tokio	393,006		4,9125750
		22-Uruguay	380,000		4,7500000
25	Swiss or Emmenthaler cheese with eye formation	25-Tokio	4 003,172		4,2262326
		25-Uruguay	2 420,000		2,5548447